Gmail

Nicholas Grech <[redacted]@gmail.com>

# Abbuzi f'Male Ward 3A fl-isptar Monte Carmeli

12 messages

**Nicholas Grech** <[redacted]@gmail.com> Fri, Apr 6, 2018 at 9:51 AM
To: mentalhealthcommissioner.health@gov.mt

Kif taf jien pazjent fl-isptar Monte Carmel f'Male Ward 3A.

L-Erbgha 4 t'April 2018, wara li tqassam l-ikel tal-5p.m., certu nursing aid J[redacted] beda bl-abbuz tas-soltu dik li jiehu l-ikel li jkun baqa' tal-pazjenti ghal-annimali tieghu d-dar, ghax dawn l-ewwel jintrigaw bl-annimali fid-djar u l-irzizet taghhom u mbaghad iridu jghixuhom minn fuq dahar il-pazjenti, minn fuq dahar il-Gvern, waqt li z-zewg t'iklieb li ghandna fis-sala jhalluhom tista' tghid bil-guh, jitmughom darba biss kuljum b'xi tilqiet ta' xi bicciet ta' ghadam. Dan l-abbuz fost hafna ohrajn li jsiru f'din is-sala, kien diga gie rrapurtat lil Customer Care tal-isptar ghal darba, addirittura tnejn, b'kull darba l-awtoritajiet tal-isptar johrogu direttivi biex jieqaf dan l-abbuz u jwissu li mhu suppost jinhareg xejn mill-isptar, u minkejja dan xorta kien hemm minn baqa' jinjora it-twissijiet li jkunu nghataw, u jibqa' jippersegwita fl-abbuz b'aktar determinazzjoni u arja li ma jista' ghalih hadd.

Mxebba minn dan kollu, ghazilt li nuza' l-camera li ghandi biex niffilmja dan l-abbuz u jkolli l-provi l-evidenza biex ninkriminahom. Meta ra hekk dak J[redacted] kien pront mar fittex in-nurse P[redacted] li gie fuqi kollu kkargat bir-raghwa f'halqu, jinsulentani u avvelini quddiem pazjenti ohra, jghidli min tak il-permess li ddahhal il-camera, meta ma kelli bzonn l-ebda permess ghaliha ghax f'din is-sala hu permess li zzomm mobile, bil-mobiles tallumm tista' tghid kollha ghandhom il-camera nkorporata fihom u allura la huma permissibli l-mobiles, huma daqstant iehor permissibli l-cameras – jien hsilt li kelli mobile tal-irhis bla camera u allura kelli nuza camera apparti. Apparti dan ma tghidx abbuzajt mill-camera, iffilmjajt jew hadt ritratti tal-pazjenti jew tal-istat dizastruz tas-sala, imma solament biex nirraporta abbuz gravissimu ta' serq ta' ikel intenzjonat ghall-pazjenti u li jispicca jew jiekluh huma l-istaff (ghax mhux bizzejjed l-ikel li jipprovdilhom il-Gvern b'xejn mill-kcina tal-isptar) jew addirittura johorguh barra l-isptar ghall-hluq ohra li ghandhom fid-djar u l-irzizet taghhom. Mhux biss dan in-nurse P[redacted] ma ddefendinix, talli ddefenda u bl-att sproporzjonat ta' bullying tieghu kien ta' spalla ghal min kien qed jabbuza ghax bhalu min jaf kemm drabi qabel hareg ikel barra mill-isptar ghall-annimali tieghu u taf kien imissu xi persentagg minn dak l-ikel ukoll. Sahansitra kelli l-ikel tieghi quddiemi, qabdu u b'vendikazzjoni kif kien mitluf kollu rabja u korla ghalija, ramihuli fiz-zibel biex spiccajt kelli naghmel mil-11a.m. l-ahhar li kont kilt sal-ghada fis-7a.m. bil-guh b'kuntast mal-annimali taghhom li bl-ikel li hargu abbuzivament u serqu mill-isptar kienu raqduhom b'zaqqhom mimlija minn fuq dahar il-Gvern, minn fuq dahar il-pazjenti, addirittura minn fuq dahar iz-zewg t'iklieb tas-sala li jservu ta' wens / terapija ghall-pazjenti (forsi parti mid-duties ta' nurse din li jarmi l-ikel tal-pazjent). Dan kollu fil-prezenza ta' pazjenti ohra li huma xhieda ghal dak li gara. Imma ma kienx bizzejjed ghax spicca biex ikkonfiskali l-camera, mhux ghax kont qed nuzaha hazin, altru li le, imma sempliciment ghax kelli biex ninkriminahom, cioe ghamel cover-up ghar-reat kriminali, spicca dahal komplici hu wkoll, u taf kif kellu l-camera f'idejh hassar il-provi ghalkemm xorta il-film jista' jigi rkuprat bi program tal-Undelete. Kompla billi heddidni jirrikattani li jaqtghali l-leave, dik li mmur id-dar darbtejn fil-gimgha ghal mizerja ta' 5 sieghat biss u kompla ntimidani bl-ghajat jaghlaqli l-bieb f'wicci meta mort il-clinic tas-sala u jipprova jiddemoralizzani bit-taghjir igibni li kont jien li qed naghmel xi haga hazina – tant dak l-abbuz li johorgu ikel barra mill-isptar rabba' gheruq fil-fond, li donnu kien sar xi haga stituzjonalizzata, xi haga mir-rutina tas-soltu, jista mhux ikollhom twissijiet mill-awtoritajiet tal-isptar ghal darba tnejn ghax xorta jibqghu jippersegwitaw sfaccatament fl-abbuz u b'aktar arja u vilta. Wera bil-fatti kemm mhux denju fil-kariga ta' nurse, li abbuza mill-pozizzjoni tieghu, li flok l-integrita f'xoghlu jara li l-pazjent /resident ikollu d-dinjita tieghu u jkun ta' tarka ghalih fejn hemm bzonn, minflok ghazel l-irgulija bejn il-hbieb/ kollegi, dik li jkun ta' spalla u tarka ghall-kollega tieghu li kien qed jabbuza johrog ikel barra l-isptar u flok jara li jittiehdu passi kontrih, jekk xejn ghax kien qed jikser id-direttiva tal-istess awtoritajiet tal-isptar, jara kif jghattilu waqt li lili jara kif ikissirni, jintimidani. Dan qisu kont student qed nipprova ninkrimina lill-ghalliem fuq abbuz li fuqu diga kellu twissijijiet mill-awtoritajiet ghal darba tnejn u jigi s-surmast fuqi flok jghini jressaq il-kaz quddiem l-awtoritajiet u quddiem il-Pulizija biex issir investigazzjoni u jittiehdu l-passi kriminali li hemm bzonn, minflok jara kif jahbilu l-krimini biex l-istudent jispicca l-vittma ghal darba tnejn waqt li lill-ghalliem ihallih jghaddiha lixxa qisu qatt ma kien xejn.

Il-management tas-sala huma komplici f'dan l-abbuz ghax minkejja li kienu rcevew email jew direttiva ghal darba tnejn mill-awtoritajiet biex dan l-abbuz ma jibqghax isir, spiccaw biex ghalqu ghajnejhom it-tnejn, injoraw ghal kollox id-direttiva li nghatatilhom minn ta' fuqhom u hallewhom jippersegwitaw fl-abbuz. Imma addirittura l-akbar krimini tal-management tas-sala hi li minkejja li s-sala ilha zmien li tnizlet ghal-kapacita ta' cirka 33 pazjent minhabba hsarat strutturali li ghandha, xorta ghamlu jew hallew li jibqa' jigi ordnat ration ta' kuljum ghal 40 pazjent u jiffrodaw lill-Gvern idahhluh fi spejjez akbar bla bzonn (mal-20% spiza aktar) mhux biss biex ikollhom fejn jaghmlu festa jkollhom minn fejn jieklu wkoll mill-ikel tal-pazjenti apparti li jieklu b'xejn mill-kcina tal-isptar (ipappuha doppja), imma addirittura jibqa' l-ikel ghal biex johorgu barra

mill-isptar, u tista tghid li mill-affarijiet li jieklu u jisirqu tal-ikel u mir-ration ta' kuljum tal-pazjenti jdabbru paga ohra. Dawn bil-fatti jabbuzaw mill-pozizzjoni taghhom mill-ikel fdat f'idejhom biex juzawh ghal skopijiet li mhux ntenzjonat ghalihom bi gwadan ghal zaqqghom u zaqq l-annimali taghhom.

Daqstant iehor huma komplici tal-Customer Care tal-isptar li minkejja li kellhom rapporti ta' abbuzi li jsiru f'din is-sala ma hadux passi konkreti biex l-abbuzi jinqatghu darba ghal dejjem, u messhom flok joqghdu fuq semplici twissija, jiehdu passi kontreti specjalment mat-tieni darba u passi dixxiplinarji drastici kemm huma drastici, imma dawn tal-Customer Care huma wara kollox ex-nurses/kollegi tal-istaff tas-sala u donnhom hassewhom skomdi japplikaw il-ligi maghhom. Jien kont naghti daqqa t'id fil-kcina tas-sala nahsel it-tazzi u nimsah l-imwejjed u kont inkun naf il-hazen u s-serq kwazi kollu li jsir, u kont nghaddi din l-informazzjoni lill-ohrajn li kienu jiehdu hsieb imexxu. L-ewwel darba li rrapurtaw lill-Customer Care kien fuq nurse li kien johrog b'xi 3 / 4 hobziet mis-sala (madwar 20% tar-ration ta' kuljum tas-sala), tawhom id-dettalji ta' meta kien se johrog mix-xoghol, il-hin, u bin-numru tal-karozza, kellhom fejn jaghmlulu l-ghassa bil-Pulizija jistennewh johrog u jaqbduh fil-fatt imma m'ghamlu xejn minn dan u baqa' sejjer bil-hobz li kien seraq bhas-soltu qisu qatt ma kien xejn. Fit-tieni darba li rrapurtaw lil Customer Care, wara li baqghu jippersistu fl-abbuzi, l-istaff tas-sala ma hallewnix aktar naghti daqqa t'id fil-kcina tas-sala li kien ta' terapija ghalija jkolli xi haga biex nghaddi l-hin, ghax issuspettaw fija li kont qed nikxef l-abbuzi u ma riedux li jkollhom xi hadd fuqhom. Kienu keccewni biex ikunu jistghu jibqghu jippersistu fl-abbuzi minghajr xkiel ta' xejn u dan bil-barka tal-management tas-sala biex tara kemm huma komplici fl-abbuzi, qisu qed jghidulhom ha nnehhulkom kull xkiel biex tkunu tistghu tibqghu tippersegwitaw fl-abbuzi kemm tridu u addirittura b'aktar facilita, nigu naqghu u nqumu mid-direttiva ghal darba tnejn li hargu l-awtoritajiet tal-isptar.

Din id-darba spiccajt bil-camera kkonfiskata abbuzivament meta ma kont qed nuzaha ghall-ebda skop hazin, spiccajt bil-guh ghax l-ikel ramehuli, mhedded rikattat li jaqtghuli l-leave, intimidat bl-ghajat u vvilifikat quddiem pazjenti ohra fost l-ohrajn, altru ma kienx kaz li nressaq dawn l-abbuzi quddiem il-Customer Care li kelli esperjenza bizzejjed ta' x'isarrfu, u ghazilt li ncempel 119 ninforma lill-Pulizija. Cempilt l-ewwel darba fil-4/4/18 18:10, cirka siegha wara, qabbduni mal-ghassa ta' Hal Balzan fejn qaluli li se jibghatu lil xi hadd. Nerga ncempel fis-19:50 jghidli li jafu bil-kaz u li taf inqabdu fuq bicca xoghol ohra u dalwaqt jigu u nistaqsih ma minn kont qed nitkellem jghidli Surgent 1390. Nerga ncempel fid-21:25 jghidli li ta' qablu ma hallilu ebda handover fuq il-kaz tieghi u jghidli li se jsaqsi lil ta fuqu u jerga jkellimni u jghidli li hu Pulizija 484. Izda nibqa' ma nircivix minn ghandu u ghal-22:25 nerga ncempel jghidli li jrid jaghmilli karta t-tabib, meta ghal dan ikun jihtiegli nghid lin-nurses u zgur mhux se nsib ghajnuna minn ghandhom biex ninkrimana kollegi taghhom. Nerga ncempel 119 nghidilha li bil-camera fiha l-provi li tinkriminahom f'idejn in-nurses hemm cans kbir li jbaghbsu l-provi u tghidli li mhix se toqghod tibghatli lil hadd dak il-hin ghax donnu riedet tghidli li fl-ghaxija jidhlu xoghol biex jorqdu. Issemmilhom li int qieghed iccempel mill-isptar Monte Carmeli fejn int qieghed bhala pazjent/ resident hi bizzejjed biex jinjorawk ma jtukx widen tant kemm hi kbira l-istigma assocjata mal-post.

L-ghada l-Hamis 5/4/18 gie certu ufficjal tal-isptar kunjomu Sant, bin-nurses u l-istaff tas-sala kollha ghassa tieghi ha jaraw x'ha nghid kontrihom, u t-tabiba ta' Cassar jinterrogawni qisni ghamilt l-akbar delitt, jghiduli li mhux suppost uzajt il-camera fl-isptar meta jien ma kellix alternattiva la diversi attentati bil-Customer Care tal-isptar ma servew ghalxejn u ridt ikolli l-provi l-evidenza f'idejja biex ninkriminhom fil-fatt – dawn donnhom riedu jmeru l-fatti ta' x'gara meta kelli l-provi fil-camera, ahseb u ara kieku ma kellix x'kienu jghidu. Fuq kollox kont diskriminat: jien ghax pazjent zvantagjat ghamlu krucjata kontrija ghax qalu uzajt il-camera meta mhux suppost, waqt li minn abbuza ghax vantaggjati parti mill-istaff l-anqas biss interrogawhom u hallewhom jghadduha lixxa minkejja li ghamlu reati kriminali (jisirqu l-ikel intenzjonat ghal-pazjenti, ramili l-ikel, ecc), minkejja li hemm il-provi kontrihom fil-camera, u minkejja li kienu qed jiksru direttivi li hargu l-awtoritajiet tal-isptar ghal darba tnejn iwissu li m'ghandu johrog l-ebda ikel barra mill-isptar fost l-ohrajn. Wiehed tifel zghir ghandu dinjita u kredibilta bil-wisq aktar minni ghax jirrapporta li l-ghalliem abbuzah, jispicca l-ghalliem jigi sospiz mill-ewwel tkun ghadha lanqas bdiet l-investigazzjoni, waqt li jien ghax bl-istigma li jien pazjent fi sptar mentali tant m'ghandi dinjita ta' xejn sal-punt li minn abbuza fuqi mhux talli ma jissospenduhomx, ma jiGhulhomx kaz kriminali fil-Qorti, talli lanqas biss joholmu li jibdew jinvestigawhom – issa dan hemm il-provi fil-camera li jinkriminawhom ahseb u ara kieku m'hemmx. Imma l-akbar vilta hi li meta wasal fl-ghaxija u gew biex iqassmu l-pirmli, sibt li t-tabiba (nassumi fuq ordni ta' Cassar) kienet irdupjatli d-doza minn Olanzapine 5mg ghal 10mg kuljum – issa dan ma tghidx ghax kont qed nhewden ghax hemm il-provi fil-camera (immagina kieku m'ghandix x'kienu jaghmlu ghar) u hemm ix-xhieda ta' diversi pazjenti li raw l-abbuzi jsehhu. Il-mossa wara l-irdupjal tad-doza hi ntenzjonata biex jiskreditawni, jnaqqsuli l-kredibilta, biex jillupjawni jfittxu jsikktuni u fuq kollox biex jaghmlu cover-up ghal dawn l-abbuzi u reati kriminali. Nistaqsik int bhala Kummissarju ghas-Sahha Mentali u bhala tabib, tiggustifika din li rdupjali d-doza u l-intenzjonijiet warajha li semmejt?

Nitlob biex tinvestiga l-kaz halli forsi jittiehdu l-passi li hemm bzonn ghax hu ghal kollox intollerabli l-abbuzi li saru fuqi, abbuzi li saru fi sptar, f'facilita tal-Gvern, fuq pazjent, u fuq kollox ghandhom jiddahlu l-Pulizija ghax il-bqija jibqghu jaghmlu li jridu u jippersegwitaw fl-abbuzi b'aktar tirannija u vilta (jekk xejn, jekk jghidu li m'hemmx provi bizzejjed ikollhom skuza tajba biex aktar jillupjawni bil-pirmli u njections, imma jekk hemm, jiehdu passi kriminali kontrihom bhalma suppost jigri lil kwalunkwe mortali iehor). Nitolbok tkellem lill-Customer Care tal-isptar jirreferuk fuq l-abbuzi li kienu gew irrapurtati fil-passat f'din is-sala u fuq dik id-direttiva mahruga ghal darba tnejn mill-awtoritajiet tal-isptar li twissi li ma kellu johrog xejn ikel mill-isptar li tinkrimina lill-management tas-sala ghax vilment u sfaccatament injoraw id-direttiva u hallewhom jippersegwitaw fl-abbuz u addirittura dawruha kontrija ghax keccewni milli nkun nista' naghti daqqa

t'id fil-kcina biex b'aktar facilita jhalluhom jippersegwitaw fl-abbuzi taghhom. Issa jonqos ikeccuni mis-sala halli aktar jaghmlu li jridu u jghadduha lixxa. Jien ghal Git li ghamilt, il-Qorti kienet qaflitni l-isptar fejn diga ilni fuq erba' snin waqt li dawn jigu 'l fuq minn kullhadd, 'l fuq minn kwalunkwe ligi, donnu ma jezistix habs ghalihom, anzi jekk tipprova tirrapurtahom tinkriminahom addirittura ddur kontrik ghax jibqghu sakemm ikissruk, jehilsu minnek, u addirittura jillupjawk bil-pirmli jirdupjawlek id-doza. U nerga nsaqsik, int tiggustifikah dan kollu? Tiggustifika li jien ghax pazjent ghamlu krucjata kontrija gabuni qisni kriminal talli ppruvajt nikxef abbuz persistenti mill-istaff fi sptar minkejja direttivi mill-istess sptar ghal darba tnejn iwissu kontra dan l-abbuz, waqt li minn abbuza gabuhom bhala vittma minkejja li hemm il-provi u x-xhieda li jinkriminawhom u baqghu ma nvestigawhomx, ma nterrogawhomx?

Nicholas Grech (ID no: [redacted]M, Mob: [redacted])

---

**Nicholas Grech** <[redacted]@gmail.com> Fri, Apr 13, 2018 at 8:37 AM
To: ivan.camilleri@timesofmalta.com

Ma nafx ghadikx interessat tinvestiga l-kaz tieghi dwar abbuzi mill-istaff fl-isptar Monte Carmeli f'Male Ward 3A. Jekk iva dawn huma l-ahhar zviluppi.

L-ghada l-Hamis 5/4/18 gie certu ufficjal tal-isptar (xi head tan-nurses?) kunjomu Sant, bin-nurses u l-istaff tas-sala li kienu xoghol dakinhar kollha ghassa tieghi ha jaraw x'ha nghid kontrihom, u t-tabiba tal-Psikjatra David Cassar jinterrogawni qisni ghamilt l-akbar delitt, jghiduli li mhux suppost uzajt il-camera fl-isptar meta jien ma kellix alternattiva la diversi tentattivi bil-Customer Care tal-isptar ma servew ghalxejn u ridt ikolli l-provi l-evidenza f'idejja biex ninkriminhom fil-fatt (dik li johorgu ikel tal-pazjenti barra mill-isptar minkejja twissijiet mill-awtoritatjiet tal-isptar ghal darba tnejn biex jieqfu minn dan l-abbuz) fejn dawn donnhom riedu jmeru l-fatti ta' x'gara meta kelli l-provi fil-camera u hemm ix-xhieda ta' diversi pazjenti, ahseb u ara kieku ma kellix x'kienu jaghmlu. Fuq kollox kont diskriminat: jien ghax pazjent zvantagjat ghax sempliciment ippruvajt nikxef abbuz persistenti tal-istaff ghamlu krucjata kontrija nterrogawni ghax qalu uzajt il-camera meta mhux suppost, waqt li minn abbuza ghax vantaggjati parti mill-istaff lanqas biss interrogawhom u hallewhom jghadduha lixxa minkejja li ghamlu reati kriminali, jisirqu l-ikel intenzjonat ghal-pazjenti, ramewli l-ikel, ecc, minkejja li hemm il-provi kontrihom fil-camera u xhieda ta' pazjenti rispettivament, u minkejja li kienu qed jiksru direttivi li hargu l-awtoritajiet tal-isptar ghal darba tnejn iwissu li m'ghandu johrog l-ebda ikel barra mill-isptar fost l-ohrajn. Hi hekk frustranti l-haga li wiehed tifel zghir ghandu dinjita, vuci u kredibilta bil- wisq aktar minn pazjent f'dan l-isptar ghax jirrapporta li l-ghalliem abbuzah, jispiccaw jissospendu lill-ghalliem mill-ewwel tkun ghadha lanqas bdiet l-investigazzjoni, waqt li jien ghax bl-istigma li jien pazjent fi sptar mentali tant m'ghandi dinjita ta' xejn sal-punt li minn abbuza fuqi mhux talli ma jissospenduhomx, ma jifthulhomx kaz kriminali fil-Qorti, talli lanqas biss joholmu li jibdew jinvestigawhom jew jinterrogawhom – issa dan hemm il-provi fil-camera li jinkriminawhom ahseb u ara kieku m'hemmx kif diga ghid, u mhux talli hekk talli sfaccatament daret kontrija qisni jien ghamilt xi haga hazina u huma l-innocenti l-vittmi.
Imma l-akbar vilta hi li meta wasal fl-ghaxija u gew biex iqassmu l-pirmli, sibt li t-tabiba li kienet ratni fil-ghodu (nassumi fuq ordni tal-Psikjatra David Cassar li jigi fuqha) kienet irdupjatli d-doza tal-pirmli minn Olanzapine 5mg (l-unika pirmla li kont niehu f'gurnata shiha, nahseb lanqas wiehed li ghandi pirmli fl-isptar kollu) ghal 10mg kuljum – issa dan ma tghidx ghax kont qed nghid il-hmerijiet jew qed nhewden tghid kellha raguni li tiggustifika li zzidli d-doza ghax kif ghidt hemm il-provi fil-camera (immagina kieku m'ghandix x'kienu jaghmlu ghar) u hemm ix-xhieda ta' diversi pazjenti li raw l-abbuzi jsehhu. Cioe dik it-tabiba flok ghamlitli l-karta li kien hemm bzonn biex inkun nista' nixhed u naghmel rapport lill-Pulizija kif kienu qaluli biex naghmel meta cempilt 119 u ssir l-investigazzjoni li hemm bzonn, minflok spiccat hi stess komplici maghhom billi ghattitilhom u cekknet mill-gravita tal-abbuzi tal-istaff li sofrejt qisu qatt ma gara xejn. Jekk xejn qabel irdupjatli d-doza kellha tara li ssir investigazzjoni ndipendenti min-nies kompetenti u mbaghad jekk jirrizulta li kont qed nghid il-hmerijiet, kien ikollha ragunijiet kemm trid biex izzidli d-doza u mhux ghamlet ezatt l-oppost. Indirettament din il-mossa li ziditli d-doza hi ntenzjonata biex jillupjawni jfittxu jsikktuni, biex jiskreditawni, jnaqqsuli l-kredibilta, u fuq kollox biex jaghmlu cover-up ghal dawn l-abbuzi u reati kriminali jhallu lill-istaff involuti jghadduha lixxa u jevadu l-gustizzja kif dejjem sar, l-ewwel meta rrapurtawhom lill-Customer Care ghal darba tnejn, u issa addirittura minn din it-tabiba stess. Dan jikkuntrasta aktar meta tqis li ricentament nursing aid fir-residenza San Vincent de Paule spicca wahhluh sentejn habs talli refa' jdejh fuq anzjan ta' 92 sena (https://www.timesofmalta.com/articles/view/20171102/local/nursing-aid-gets-two-year-jail-term-for-hitting-elderly-patient.662049

), bil-Qorti tghid li partikularment ghax vulnerabbli ghax anzjan jisthoqlu kull protezzjoni mill-ligi, imma fil-kaz ta' pazjent fl-isptar Monte Carmeli donnu tant ma jhallulu dinjita ta' xejn hekk li jhalluhom jikkalpestawh kif iridu u jdawru l-affarijiet hekk ta' taht fuq li vilment minn jabbuza jgibuh bhala l-vittma, u minn jipprova jikxef l-abbuz idawru l-kanuni kollha kontrih igibuh bhala kriminal bhala mentali jikkonfiskawlu l-camera u jirduppjawlu d-doza ta' pirmli kif ghamlu lili.

L-ghada l-Gimgha 6 t'April ktibt lill-Kummissarju ghas-Sahha Mentali John Cachia, liema email qed nifforwardjahhilek, imma ghaddiet gimgha u baqa' m'ghamel assolutament xejn, bhal donnu jrid jahrab mir-responsabilta jigi jaqa' u jqum mill-ilmenti tal-pazjenti u ma jridx jahli hinu johrog ghonqu ghalihom biex jiksirha mal-istaff jistghu mhux jabbuzaw; mur ara b'daqshekk imbilli n-nurse ikun ramilek l-ikel fost l-ohrajn. Fl-Att dwar is-sahha mentali dan Cachia hu addirittura riferut bhala l- Kummissarju ghall-"Promozzjoni tad-Drittijiet" ta' Persuni b'dizordni Mentali, cioe mhux sempliciment bhala Kummisarju ghas- Sahha Mentali, u f'Taqsima III, Artiklu 6 (http://www.justiceservices.gov.mt/DownloadDocument.aspx? app=lom&itemid=11962&l=2 pagni 8-9) hemm imnizzel x'inhuma d-dmirijiet tieghu fi 15 il-klawsola, li bin-nuqqas ta' azzjoni min-naha tieghu wera kemm hu bniedem inkompetenti ghal din il-kariga li qed jokkupa ghax tigi li kiser xejn anqas minn 5 klawsoli (terz minnhom):

(i) jinvestiga kull ilment li jkun jallega ksur tad-drittijiet tal-pazjent u jieħu kull azzjoni sussegwenti jew jagħmel rakkomandazzjonijiet li jistgħu jinħtieġu biex iħarsu l-benesseri ta' dik il-persuna;

(g) jirrevedi r-rapporti kollha ta' inċidenti li jiġru lil pazjenti u r-rekords tal-mewt kollha li jaslu minn faċilitajiet liċenzjati għas-saħħa mentali;

(j) jinvestiga kull ilment dwar kull aspett ta' kura provduta minn faċilita liċenzjata jew minn professjonist fil-kura tas-saħħa u jieħu kull deċiżjoni jew jagħmel kull rakkomandazzjoni li jkunu meħtieġa;

(l) jirrapporta kull każ li jkun ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem ġewwa faċilità liċenzjata lill-awtorità kompetenti adatta fejn jirrakkomanda r-rettifika ta' ksur bħal dak u jieħu kull azzjoni oħra proporzjonali li huwa jqis li tkun adatta;

(m) jagħmel rapport lill-awtorità kompetenti adatta dwar professjonist fil-kura tas-saħħa għal ksur ta' drittijiet umani jew talli jikser xi dispożizzjoni ta' dan l-Att u dan mingħajr preġudizzju għal kull azzjoni oħra proporzjonali li huwa jista' jqis li tkun meħtieġa li tittieħed;

Imma addirittura l-akbar gravita ta' dan il-Kummissarju mhux biss ghax qed jonqos milli jaqdi dmirijietu u qed jonqos minn xogholu, imma addirittura issa li nfurmajtu bl-abbuzi li sofrejt u baqa' ma hax passi, gie hu wkoll komplici maghhom u donnu qed jiggustifika ghemilhom, jiggustifika l-abbuzi li sofrejt mill-istaff tas-sala u l-inkompetenza u l-ineffettivita tal-Customer Care tal-isptar li baqghu ma hadux passi konkreti biex certi abbuzi fl-isptar jinqatghu darba ghal dejjem.

Abbuz iehor sfaccat li kien isir mill-istaff f'din is-sala Male Ward 3A kien li bhal nhar ta' Hadd kienu jigu 40 flixkun luminata wiehed ghal kull pazjent, izda minflok kienu jaqsmu flixkun f'zewg tazzi biex minn flixkun iservu 2 pazjenti u jibqghalhom 20 flixkun ghalihom fuq ir-rih (propjament jibqghalhom erga aktar ghax jekk konna nkunu 30 pazjent ghall-ikel ghax ikun hemm minn ikun barra bil-leave jew ikun kiel mill-canteen). Kienu rrappurtaw dan l-abbuz lill-Customer Care tal-isptar u dawn sepliciment qalulhom biex jieqfu u ma hadux passi wara li kienu ilhom sejrin karriera b'dan is-serq sfaccat, u serq lil kien isir bil-barka tal-istess management tas-sala. Qisu qalulhom dak li lhaqtu sraqtu nberkuhulkom imma millum 'l quddiem tisirqux aktar u suq ghax sebah. Daqshekk hi frustranti s-sitwazzjoni f'dan l-isptar, ghall-istaff li dejjem jaraw x'ha jakkwistaw minn fuq dahar il-pazjenti w iridu jbillu subghajjhom f'kollox, ma japplikawx il-ligijiet ihalluhom jaghmlu li jridu ma jiehdu qatt passi kontrihom, forsi l-aktar li jaslu tkun ghal semplici twissija, waqt li ghall-pazjenti ara ma tmux tikxef xi abbuz minn tal-istaff ghax qisek ghamilt l-akbar delitt tispicca b'riperkussjonijiet koroh, bhali jirdupjawli d-doza tal-pirmli ghal xejn b'xejn. Ktibt anki lil Kellimni.com, imma sempliciment qaluli biex nirreferi l-kaz lill-Kummissarju ghas-Sahha Mentali biex bqajt fejn kont ghax lanqas dan ma ha passi.

Tislijiet,

Nicholas Grech (ID no: [redacted]M, Mob: [redacted])
[Quoted text hidden]

---

Virus-free. www.avg.com

---

**Ivan Camilleri** <ivan.camilleri@timesofmalta.com> Fri, Apr 13, 2018 at 9:57 AM
To: Nicholas Grech <[redacted]@gmail.com>

Dear Mr Grech,

Yes I am interested and am working on it. Can I use your name in a story or do you wish to remain anonymous?

Thanks

Ivan

---

**From:** Nicholas Grech <[redacted]@gmail.com>
**Sent:** 13 April 2018 08:37
**To:** Ivan Camilleri
**Subject:** Fwd: Abbuzi f'Male Ward 3A fl-isptar Monte Carmeli

Ma nafx ghadikx interessat tinvestiga l-kaz tieghi dwar abbuzi mill-istaff fl-isptar Monte Carmeli f'Male Ward 3A. Jekk iva dawn huma l-ahhar zviluppi.

L-ghada l-Hamis 5/4/18 gie certu ufficjal tal-isptar (xi head tan-nurses?) kunjomu Sant, bin-nurses u l-istaff tas-sala li kienu xoghol dakinhar kollha ghassa tieghi ha jaraw x'ha nghid kontrihom, u t-tabiba tal-Psikjatra David Cassar jinterrogawni qisni ghamilt l-akbar delitt, jghiduli li mhux suppost uzajt il- camera fl-isptar meta jien ma kellix alternattiva la diversi tentattivi bil-Customer Care tal-isptar ma servew ghalxejn u ridt ikolli l-provi l-evidenza f'idejja biex ninkriminhom fil-fatt (dik li johorgu ikel tal- pazjenti barra mill-isptar minkejja twissijiet mill-awtoritatjiet tal-isptar ghal darba tnejn biex jieqfu minn dan l-abbuz) fejn dawn donnhom riedu jmeru l-fatti ta' x'gara meta kelli l-provi fil-camera u hemm ix- xhieda ta' diversi pazjenti, ahseb u ara kieku ma kellix x'kienu jaghmlu. Fuq kollox kont diskriminat: jien ghax pazjent zvantagjat ghax sempliciment ippruvajt nikxef abbuz persistenti tal-istaff ghamlu krucjata kontrija nterrogawni ghax qalu uzajt il-camera meta mhux suppost, waqt li minn abbuza ghax vantaggjati parti mill-istaff lanqas biss interrogawhom u hallewhom jghadduha lixxa minkejja li ghamlu reati kriminali, jisirqu l-ikel intenzjonat ghal-pazjenti, ramewli l-ikel, ecc, minkejja li hemm il-provi kontrihom fil-camera u xhieda ta' pazjenti rispettivament, u minkejja li kienu qed jiksru direttivi li hargu l-awtoritajiet tal-isptar ghal darba tnejn iwissu li m'ghandu johrog l-ebda ikel barra mill-isptar fost l- ohrajn. Hi hekk frustranti l-haga li wiehed tifel zghir ghandu dinjita, vuci u kredibilta bil-wisq aktar minn pazjent f'dan l-isptar ghax jirrapporta li l-ghalliem abbuzah, jispiccaw jissospendu lill-ghalliem mill- ewwel tkun ghadha lanqas bdiet l-investigazzjoni, waqt li jien ghax bl-istigma li jien pazjent fi sptar mentali tant m'ghandi dinjita ta' xejn sal-punt li minn abbuza fuqi mhux talli ma jissospenduhomx, ma jifthulhomx kaz kriminali fil-Qorti, talli lanqas biss joholmu li jibdew jinvestigawhom jew jinterrogawhom
– issa dan hemm il-provi fil-camera li jinkriminawhom ahseb u ara kieku m'hemmx kif diga ghid, u mhux talli hekk talli sfaccatament daret kontrija qisni jien ghamilt xi haga hazina u huma l-innocenti l-vittmi. Imma l-akbar vilta hi li meta wasal fl-ghaxija u gew biex iqassmu l-pirmli, sibt li t-tabiba li kienet ratni fil-ghodu (nassumi fuq ordni tal-Psikjatra David Cassar li jigi fuqha) kienet irdupjatli d-doza tal-pirmli minn Olanzapine 5mg (l-unika pirmla li kont niehu f'gurnata shiha, nahseb lanqas wiehed li ghandi pirmli fl-isptar kollu) ghal 10mg kuljum – issa dan ma tghidx ghax kont qed nghid il-hmerijiet jew qed nhewden tghid kellha raguni li tiggustifika li zzidli d-doza ghax kif ghidt hemm il-provi fil-camera (immagina kieku m'ghandix x'kienu jaghmlu ghar) u hemm ix-xhieda ta' diversi pazjenti li raw l-abbuzi jsehhu. Cioe dik it-tabiba flok ghamlitli l-karta li kien hemm bzonn biex inkun nista' nixhed u naghmel rapport lill-Pulizija kif kienu qaluli biex naghmel meta cempilt 119 u ssir l-investigazzjoni li hemm bzonn, minflok spiccat hi stess komplici maghhom billi ghattitilhom u cekknet mill-gravita tal-abbuzi tal-istaff li sofrejt qisu qatt ma gara xejn. Jekk xejn qabel irdupjatli d-doza kellha tara li ssir investigazzjoni ndipendenti min-nies kompetenti u mbaghad jekk jirrizulta li kont qed nghid il-hmerijiet, kien ikollha ragunijiet kemm trid biex izzidli d-doza u mhux ghamlet ezatt l-oppost. Indirettament din il-mossa li ziditli d-doza hi ntenzjonata biex jillupjawni jfittxu jsikktuni, biex jiskreditawni, jnaqqsuli l-kredibilta, u fuq kollox biex jaghmlu cover-up ghal dawn l-abbuzi u reati kriminali jhallu lill-istaff involuti jghadduha lixxa u jevadu l-gustizzja kif dejjem sar, l-ewwel meta rrapurtawhom lill-Customer Care ghal darba tnejn, u issa addirittura minn din it-tabiba stess. Dan jikkuntrasta aktar meta tqis li ricentament nursing aid fir-residenza San Vincent de Paule spicca wahhluh sentejn habs talli refa' jdejh fuq anzjan ta' 92 sena (https://www.timesofmalta.com/articles/view/20171102/local/nursing-aid-gets-two-year-jail-term-for-hitting-elderly-patient.662049

---

## Nursing aid gets two-year jail term for hitting elderly ...

www.timesofmalta.com

Nursing aid gets two-year jail term for hitting elderly patient 'Such violence cannot be tolerated' - court

---

[Quoted text hidden]

[Quoted text hidden]

---

Virus-free. www.avg.com

Please consider your environmental responsibility before printing this e-mail.

E-mail Disclaimer:

The information contained in this message and in any attachment is confidential and may be legally privileged. It is intended for the recipient or recipients to whom it is addressed. If you are not an intended recipient, and receive this message in error, please delete it and any attachment and all copies of it and of any such attachment from your system immediately, destroy any paper copies and notify the sender. If you are not an intended recipient, you are not authorised to use, distribute, print or copy any parts of this message or of any attachment, whether directly or indirectly. Allied Newspapers Ltd. or Progress Press Ltd. cannot guarantee that email communications are secure or error free, as information could be intercepted, corrupted, amended, lost, destroyed, arrive late or incomplete, or contain viruses and as such does not accept any responsibility in any eventuality.

---

**Nicholas Grech** <[redacted]@gmail.com> Fri, Apr 13, 2018 at 2:54 PM
To: Ivan Camilleri <ivan.camilleri@timesofmalta.com>

I prefer to remain anonymous,

Thanks and regards,

Nicholas Grech
[Quoted text hidden]

---

**Ivan Camilleri** <ivan.camilleri@timesofmalta.com> Fri, Apr 13, 2018 at 3:46 PM
To: Nicholas Grech <[redacted]@gmail.com>

OK. However, plse note that as soon as I am going to ask on the particular case, the authorities will immediately know that it's you.

I await your green light on whether to go ahead or not.

Ivan

---

**From:** Nicholas Grech <[redacted]@gmail.com>
**Sent:** 13 April 2018 14:54
**To:** Ivan Camilleri
**Subject:** Re: Abbuzi f'Male Ward 3A fl-isptar Monte Carmeli

[Quoted text hidden]
[Quoted text hidden]

---

**Nicholas Grech** <[redacted]@gmail.com> Sat, Apr 14, 2018 at 8:16 AM
To: Ivan Camilleri <ivan.camilleri@timesofmalta.com>

Meta ghidt li nippreferi nibqa' anonimu kont qed nirreferi ghal meta tigi biex tippublika l-artiklu. Il-bqija biex ticcekja mal-awtoritajiet tal-isptar tista tuza' ismi kemm trid. Fosthom ta' minn jiccekja l-abbuzi li kienu rrapurtati lill-Customer Care tal-isptar (Email: customercare.mhs@gov.mt, Tel: 23304444/5) f'din is-sala Male Ward 3A u x'passi kienu ttiehdu, fosthom l-awtoritajiet kienu baghtu sempliciment xi direttiva biex ma jinharigx ikel barra mill-isptar ghal darba tnejn u ma hadux passi kriminali fuq minn kien qed jabbuza, u jabbuza bil-barka tal-management tal-istess sala.

Nicholas Grech (ID no: [redacted]M, Mob: [redacted])

[Quoted text hidden]

---

**Ivan Camilleri** <ivan.camilleri@timesofmalta.com> Sat, Apr 14, 2018 at 10:29 AM
To: Nicholas Grech <[redacted]@gmail.com>

Ok. I will tackle this week

Sent from my iPhone
[Quoted text hidden]

---

**Nicholas Grech** <[redacted]@gmail.com> Thu, Apr 19, 2018 at 8:22 AM
To: mentalhealthcommissioner.health@gov.mt

Kummissarju ghas-Sahha Mentali, Dr. John Cachia,

Ghaddew kwazi gimghatejn mindu ktibtlek fuq l-abbuzi li sofrejt mill-istaff ta' Male Ward 3A fejn ninsab u baqa' ma sar xejn. Nhar it-Tlieta 17/4/18 gew tnejn ragel u mara jkellmuni, ma nafx baghattomx int, li donnhom aktar kienu mohhom kif se jghattu l-abbuzi tal-istaff milli jiehdu azzjoni, bir-ragel jihodha kontrija jghidli li ma stajtx nuza l-camera fl-isptar u fl-istess hin jagevola lill-istaff igibha li mhu qed jaghmlu xejn hazin li johrogu ikel li jkun baqa' tal-pazjenti barra mill-isptar biex ituh l-annimali li ghandhom fid-djar u l-irzizet taghhom minkejja twissijiet mill-awtoritajiet tal-isptar biex dan l-abbuz ma jibqghax isir. Inkredibilment u sfaccatament donnu l-ligijiet jivvintawhom fil-kaz tieghi ghax pazjent u jaqilbuhom u jdawruhom ta' taht fuq fil-kaz tal-istaff.

Fuq li ma stajtx nuza l-camera, jekk hu veru hekk, suppost hemm it-tabelli l-isptar jghidulek li ma tistax tuzahom li m'hemm imkien, u apparti dan biex niehdu ezempju, meta lejn Lulju jkun hawn il-festa tal-Karmnu fl-isptar tarahom addirittura jiehdu r-ritratti tal-pazjenti u l-video bid-drone (jien kieku ma nkunx nixtiqhom igibuni fir-ritratti imma nhossni skomdu nghidilhom nispicca jien l-eccezzjoni). Issa jien ma tghidx mort f'din l-estremita hadt ritratti tal-pazjenti jew tal-istat dizastruz tas-sala (ghax ma tigix sas-sala tarahom ghamlulhom barmil biex jaghmlu l-awrina fih u ilna minghajr washing machine u drier aktar minn 6 xhur) imma sepliciment iffilmjajt abbuz persistenti tal-istaff li johorgu ikel barra mill-isptar meta mwissija ghal darba tnejn biex ma jaghmlux dan (tista' tkun aktar vili minn hekk?). Dan l-ikel li jibqa' ghandhom ituh liz-zewg klieb tas-sala mhux dawn dejjem ilaqtulhom xi ftit ghadam u t-tajjeb il-laham jiehduh ghall-annimali li ntrigaw bihom fi djarhom. Imma mhux biss ghax dawn mis-suba' jiehdu l-id ghax mal-laham li jkunu warrbu arahom jiehdu xi nofs hobza biex ikollhom aktar volum biex imbaghad ikun hemm xi pazjent jitlobhom kisra hobz ohra jghidulu le bl-iskuza li ma jservix sa fil-ghodu. Il-Hadd li ghadda 15/4/18 dak in-nursing aid J[redacted] rega hareg bl-ikel mil-isptar ghal-annimali tieghu waqt li jien mil-ikel destinat ghalija kont warrabt xi laham biex intih lill-annimali tas-sala, dak in-nurse P[redacted] meta rani tiela bih ordnali biex narmih ilbierah fit-18/4/18. Dawn il-klieb tas-sala u xi 4 qtates li hemm barra fuq wara tas-sala tista' tghid li huma l-unici hbieb li ghamilt f'dawn l-4 snin u fuqhom li ilni maqful l-isptar u huma l-akbar terapija tarahom jigu jifirhu bik talli ttihom l-ikel. Suppost dawn it-tnejn J[redacted] u P[redacted] gew sospizi mmedjatament biex ma nghidux imkeccija mix-xoghol meta rrapurtajt l-abbuzi taghhom, abbuzi li kienu baqghu jippersegwitaw fihom minkejja direttivi mill-awtoritajiet tal-isptar ghal darba tnejn biex jieqfu, imma ohrog il-ghageb ghaddew gimghatejn u mhux talli ma hadux passi kriminali kontrihom talli lanqas biss interrogawhom biex tara x'vilta.

Il-vilta hi erga akbar ghax ghan-nurses minkejja li jippersistu fl-abbuz ghandhom il-Union, il-head tan-nurses, tal-Customer Care tal-isptar u addirittura t-tobba jaqbzu ghalihom jaraw kif jghattulhom bit-tabiba tirduppjalek id-doza tal-pirmli talli tazzarda tirraporta l-abbuzi taghhom u l-pazjenti m'ghandhom assolutament lil hadd ghax donnu tikteb lilek suppost "Kummissarju ghall-Promozzjoni tad-Drittijiet ta' Persuni b'dizordni mentali" addirittura qisek qed titkellem mal-hajt ghax anki int trid tagevola l-istaff meta tibqa' ma tiehux passi, vilment tibqa sieket. Lili mhux talli kkonfiskawli abbuzivament il-camera li fiha l-provi li tinkriminahom, mhux talli rdupjawli d-doza tal-pirmli, talli addirittura spiccajt diskriminat fejn fosthom minn xi 33 kemm qedghin fis-sala spiccaw imponew solament u unikament fuqi biss li l-pirmla iridu jibdew jarawni nholla fl-ilma qabel niblahha. Il-camera rridha lura bhalma l-istaff ghandhom il-camera juzawha meta jridu fil-mobiles taghhom, mhux bizzejjed ma hadux passi kontra l-istaff, mhux bizzejjed m'uzawx il-provi li fiha li jinkriminawhom.

Hi hekk frustranti l-haga li wiehed tifel zghir ghandu vuci bil-wisq akbar minn pazjent f'dan l-isptar ghax kif diga ghidt jekk jirrapporta li l-ghalliem abbuzah jispiccaw jissospenduh tkun ghadha lanqas biss bdiet l-investigazzjoni. Xtaqt infakkrek fl-abbuz li kien hemm dan l-ahhar Novembru li ghadda f'San Vincenz de Paule (https://www.timesofmalta.com/articles/view/20171102/local/nursing-aid-gets-two-year-jail-term-for-hitting-elderly-patient.662049) fejn xi nursing aid mhux talli keccewh mix-xoghol, talli wehel sentejn habs talli refa' idejh fuq anzjan ta' 92 sena, issa dan tghid taf kien ipprovokat mill-anzjan li ma bedix jikkollabora biex jinhasel, jien ma pprovokajt lil hadd sempliciment iffilmjajt abbuz u spiccajt intimidat bl-ghajat tan-nurse, bl-ikel ramewuli, ikkonfiskawli l-camera, ecc. Tant l-istaff ta' din is-sala huma arditi w ibillu subghajjhom f'kollox u dan bil-barka tal-management tal-istess sala, li darba kienu rrapurtaw lill-Customer Care tal-isptar abbuz iehor sfaccat, dik li bhal nhar ta' Hadd jigi l-luminata 40 wiehed ghal kull pazjent u l-istaff kienu jaqsmu flixkun f'zewg tazzi ghal 2 pazjenti biex jibqalhom 20 flixkun fuq ir-rih ghalihom (propja jibqghalhom erga aktar ghax jekk konna nkunu 30 ghal-ikel ghax min ikun bil-leave jew ikun kiel mil-canteen). Tahsibx tal-Customer Care hadu xi azzjoni kontra l-istaff jew il-management tas-sala fuq dan is-serq sfaccat (hemm xhieda pazjenti ohra li bhali ilhom hafna f'din is-sala ta' dan), ma tarax, sempliciment qalulhom tkomplux tisirqu aktar u dak li lahqu serqu berkuhulhom ghax ma hadu passi kriminali kontra hadd.

Biex ma jkunx hemm tidwir mal-lewza qed naghmillek lista t'abbuzi tal-istaff ta' din is-sala Male Ward 3A

Abbuzi min-nursing aid J[redacted]

- Johrog ikel intenzjonat ghall-pazjenti barra mill-isptar ghall-annimali tieghu li ghandu d-dar minn fuq dahar il-pazjenti minn fuq dahar il-Gvern.

- Ghamel dan, baqa' jippersegwita fl-abbuz u b'aktar vilta, meta mwissija ghal darba tnejn mill-Customer Care jew l-awtoritajiet tal-isptar biex dan l-abbuz ma jibqghax isir.

- Apparti dan l-ikel jisraq ukoll man-nofs hobza biex jaghmilha mat-taghfiga biex ikollu aktar volum ta' ikel ghall-annimali tieghu.

Abbuzi min-nurse P[redacted]

- Jisirqu l-ikel li jkun baqa' tal-pazjenti biex ituh lill-annimali taghhom jew jiekluh huma (biex tara kemm joffrulek tiehu portion ohra tal-ikel, ejja meta tigi l-pizza, l-ghagin jew il-lasanja halli tara kemm itellghuh jigru d-dixx fil-kamra taghhom biex jieklu minnu huma).

- Baqghu jippersegwitaw fl-abbuzi minkejja ordnijiet mill-isptar ghal darba tnejn.

- Ikkonfiskali l-camera fl-4/4/18 biex ghamel cover-up ta' reat kriminali.

- Flok serva ta' tarka ghalija bhala pazjent, serva ta' tarka ghal minn kien qed jabbuza, ghal minn kien qed jikser direttivi mahruga mill-awtoritajiet tal-isptar ghal darba tnejn.

- Heddidni li jaqtghali l-leave fl-4/4/18.

- Ikkonfiskali abbuzivament il-camera fl-4/4/18.

- Intimidani bl-ghajat u avvelini quddiem pazjenti ohra fl-4/4/18.

- RAMILI L-IKEL fl-4/4/18, spiccajt kelli naghmel mill-11:00am l-ahhar li kilt sas-7:00am tal-ghada fil-ghodu bil-guh kuntrarju ghall-annimali li ghadhom fi djarhom li bl-ikel tal-pazjenti li hargu barra mill-isptar raqduhom zaqqhom mimlija (ara ssibilix din li jarmulek l-ikel jekk hiex wahda mid-duties ta' nurse, forsi ghal-bzonn xi duty/ligi vvintawha issa gdida ghall-okkazjoni biex tagevolawhom, bhal fil-kaz ta meta gew jgidu li ma nistghax nuza l-camera l-isptar meta m'hemm imkien jghidlek li ma tistax tuzaha).

- Fl-18/4/18 mill-ikel li mess lili bhala pazjent warrabt xi haga biex intih lill-annimali tas-sala, geghlni narmih.

- Ghamel dawn l-abbuzi fuq il-post tax-xoghol fil-kariga ta' nurse, li juri kemm mhux denju ghal din il-kariga.

- Abbuza mill-pozizzjoni tieghu u mill-ikel fdat f'idejh tal-pazjenti biex juzah ghal-skop li mhux ghalih intenzjonat.

- Iddiskrimini ghax hadli l-camera meta lil haddiehor ihallihom bil-mobile bil-camera fosthom huma n-nurses (tghid m'ghandhom xi bicca mobile tal-irhis bhal tieghi).

- Insulentani dawwara li jien ghamilt xi haga hazina meta ppruvajt nikxef abbuz persistenti tal-istaff, waqt li lil minn abbuza tah l-appogg kollu tieghu

Abbuzi mill-management tas-sala

- Minkejja li kellhom direttivi mill-awtoritajiet tal-isptar biex ma jhallux ikel tal-pazjenti johrog barra mill-isptar, hallewhom jibqghu jippersegwitaw fl-abbuz u gew jaqghu u jqumu minn dak li ordnawlhom ta' fuqhom.

- Mhux talli hallewhom jippersegwitaw fl-abbuz, talli lili keccewni milli naghti daqqa t'id fil-kcina nimsah l-imwejjed ecc. li kien ta terapija ghalija biex aktar ihalluhom jippersegwitaw fl-abbuz minghajr xkiel ta'xejn.

- Minkejja li s-sala ilha xhur li tnizzlet fil-kapacita minn 40 ghal xi 33 pazjent minhabba hsarat strutturali, xorta baqghu igibu ration ta' ikel ta' kuljum ghal 40 pazjent – ma tghidx gawdew il-pazjenti ghax iz-zejjed kienu johduh huma l-istaff – sfaccatament iffrodaw lil-Gvern idahhluh fi spejjez akbar ghax mhux bizzejjed l-ikel li jieklu b'xejn mill-kcina tal-isptar.

- Hallew l-istaff tas-sala ghal diversi snin jisirqu aktar minn nofs ta' dawk il-luminata kollha li jigu bhal nhar ta' Hadd minn fuq dahar il-pazjenti.

- Hemm aktar x'nikxef imma ghalissa ha nieqaf hawn.

Abbuzi mit-tabiba ta' Cassar

- Flok kienet ta' tarka ghalija bhala pazjent serviet ta' tarka ghal min abbuza, ghall-istaff ghax ma haditx passi kontrihom, ma rritornatlix il-camera li kkjonfiskawli abbuzivament.

- Meta ma haditx passi kontrihom spiccat hi wkoll komplici maghhom.

- Ma ghamlitlix il-karta li qaluli biex taghmilli l-Pulizija meta cempilt 119 biex inkun nista' nirrapurtahom lil-Pulizija u jittiehdu passi kriminali kontrihom.

- Vilment irdupjatli d-doza tal-pirmli li niehu kuljum minghajr raguni, sempliciment biex tillupjani u ndirettament biex tiskreditani tnaqqasli l-kredibilta (dak li jkun jahseb li ziditli d-doza ghax qed nhewden nghid il-hmerijiet u dan meta hemm il-provi fil-camera u xhieda ta' diversi pazjenti).

- Umiljatni meta diskriminatament, solament u unikament ghalija biss ordnat li l-pirmla rrid inholla fl-ilma qabel niblahha.

Bhalma taf tikkwota l-ligi int, naf nikkwotaha jien ukoll u fost il-15-il klawsola li huma mnizzla bhala dmirijiet tieghek bhala Kummissarju, bin-nuqqas t'azzjoni tieghek spiccajt qed tonqos minn xejn anqas minn 5 klawsoli, terz minnhom, il-veru ta' minn ifahhrek, dawn huma:

(i) jinvestiga kull ilment li jkun jallega ksur tad-drittijiet tal-pazjent u jieħu kull azzjoni sussegwenti jew jagħmel rakkomandazzjonijiet li jistgħu jinħtieġu biex iħarsu l-benesseri ta' dik il-persuna;

(g) jirrevedi r-rapporti kollha ta' inċidenti li jiġru lil pazjenti u r-rekords tal-mewt kollha li jaslu minn faċilitajiet liċenzjati għas-saħħa mentali;

(j) jinvestiga kull ilment dwar kull aspett ta' kura provduta minn faċilita liċenzjata jew minn professjonist fil-kura tas-saħħa u jieħu kull deċiżjoni jew jagħmel kull rakkomandazzjoni li jkunu meħtieġa;

(l) jirrapporta kull każ li jkun ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem ġewwa faċilità liċenzjata lill-awtorità kompetenti adatta fejn jirrakkomanda r-rettifika ta' ksur bħal dak u jieħu kull azzjoni oħra proporzjonali li huwa jqis li tkun  adatta;

(m) jagħmel rapport lill-awtorità kompetenti adatta dwar professjonist fil-kura tas-saħħa għal ksur ta' drittijiet umani jew talli jikser xi dispożizzjoni ta' dan l-Att u dan mingħajr preġudizzju għal kull azzjoni oħra proporzjonali li huwa jista' jqis li tkun meħtieġa li tittieħed;

Barra dawn zied maghhom li int ukoll qed tispicca komplici maghhom biex bqajt ma nvestigajtx, ma hadt l-ebda passi kontra l-istaff meta issa konxju mill-abbuzi taghhom ghal darba tnejn b'din it-tieni email.

Ma din l-email qed nifforwardja l-email l-ohra li baghatlek kwazi gimghatejn ilu halli ghall-bzonn kemm nifforwardjahom it-tnejn lill-media 'l quddiem.

Tislijiet,

Nicholas Grech (ID no: [redacted]M)

---------- Forwarded message ----------
From: **Nicholas Grech** <[redacted]@gmail.com> Date:
2018 04-06 9:51 GMT+02:00
Subject: Abbuzi f'Male Ward 3A fl-isptar Monte Carmeli
To: mentalhealthcommissioner.health@gov.mt

[Quoted text hidden]

Virus-free. www.avg.com

---

**Mental Health Commissioner at  Health** <mentalhealthcommissioner.health@gov.mt> Mon, Apr 30, 2018 at 5:03 PM
To: Nicholas Grech <[redacted]@gmail.com>

Ghaziz Sur Grech

Nixtieq ninformak li nhar l-Erbgha 2 ta' Mejju 2018 filghodu ser izuruk fil-Male Ward 3A zewg rapprezentanti ta'dan l-Ufficju sabiex ikellmuk dwar l-ilmenti li inti gibt ghall-attenzjoni ta'dan l-Ufficcju. Dawn ser ikunu Dr Noel Vella u Dr Joe Saliba.

Napprezza il-presenza tieghek fil-ward u nitolbok tiskuzani jekk kellek xi pjanijiet ohra ghal dawk il-hinijiet.

Nselli ghalik,

John Cachia
Commissioner for Mental Health
Office Of The Commissioner For Mental Health

**t** +356 25924304 **e** john.cachia@gov.mt
https://health.gov.mt | www.publicservice.gov.mt
Valletta 2018 - European Capital of Culture www.valletta2018.org
*Kindly consider your environmental responsibility before printing this e-mail*

MINISTRY FOR HEALTH
OFFICE OF THE COMMISSIONER MENTAL HEALTH, PJAZZA SAN LUQA,
GWARDAMANGA, PIETA', MALTA

[Quoted text hidden]

---

Virus-free. www.avg.com

---

**image001.jpg**
24K

---

**Mental Health Commissioner at Health** <mentalhealthcommissioner.health@gov.mt> Wed, May 2, 2018 at 9:35 AM
To: Nicholas Grech <[redacted]@gmail.com>

Ghaziz Sur Grech

Minhabba cirkostanzi mhux previsti, il-laqgha mieghek ser issir ghad il-Hamis 3 ta' Mejju 2018 fil-ghodu.

Grazzi

[Quoted text hidden]

**From:** Nicholas Grech [mailto:[redacted]@gmail.com]

[Quoted text hidden]
[Quoted text hidden]

[Quoted text hidden]

---

Virus-free. www.avg.com

---

**image001.jpg**
24K

**Nicholas Grech** <[redacted]@gmail.com>
To: Mental Health Commissioner at Health <mentalhealthcommissioner.health@gov.mt>

Fri, May 18, 2018 at 8:00 AM

Kummissarju ghas-sahha mentali, John Cachia,

Ghaddew aktar minn gimghatejn mindu fit-3/5/18 baghat dawk iz-zewg raprezentanti tieghek biex ikellmuni dwar l-ilmenti li ressaqt quddiemek li mill-impressjoni li hadt taghhom aktar kien mohhom kif se jghattu l-abbuzi gravissimi tal-istaff milli jiehdu passi w azzjoni kontrihom. X'tippretendi meta tqis li ta' fuqhom, int bhala Kummissarju, kelli niktiblek ghat-tieni darba fid-19/5/18 biex taparsi ghamilt xi haga baghat dawn ir-raprezentanti u wara li kien ghadda kwazi xahar mindu ktibtlek l-ewwel darba fis-6/5/18 fuq il-kaz. Fil-fatt mhux talli nqast minn dmirek ma hadtx azzjoni mill-ewwel talli komplejt tonqos meta hallejthom jibqghu jippersegwitaw u jabbuzaw b'aktar vilta fejn m'ilux fis-16/5/18 regghu geghluni narmi l-ikel li kont warrabt ghall-annimali tas-sala (qisu riedu jikkonfermawli li meta huma kienu jisirqu l-ikel tal-pazjenti biex jiehduh ghall-annimali taghhom kienu qed jaghmlu hazin). Hemm differenza kbira bejn jien mill-ikel li l-Gvern alloka ghalija bhala pazjent inwarrab xi haga biex flok nikolha jien intiha lill-annimali tas-sala, ghal li huma bhala staff jabbuzaw mill-pozizzjoni taghhom u mill-ikel fdat f'idejhom tal-pazjenti biex jieklu minnu huma u johorguh barra l-isptar biex jitimghu lill-hluq l-ohra li ghandhom fid-djar u l-irziezet taghhom. Biex ma tigix bit-tidwir mal-lewza kont anki ghamiltlek lista ta' abbuzi taghhom fosthom minn dak in-nurse P[redacted] li fost il hafna abbuzi tieghu kien hemm li ramili l-ikel fejn donnu din li jarmulek l-ikel jew igeghluk tarmi l-ikel allokat ghalik donna issa saret xi haga istituzzjonalizzata f'din is-sala, u taht il-patrocinju tieghek bhala Kummissarju addirittura saret parti mid-duties ta' nurse ghax dawn vilment u bi hdura jirragunaw li jekk ma jistghux jieklu minnu l-annimali taghhom li ntrigaw bihom fi djarhom, lanqas ma jieklu l-annimali tas-sala u tal-isptar.

Ma l-abbuzi ta' P[redacted] zied iehor li lejn Novembru / Dicembru tas-sena l-ohra kien uza l-mobile tieghu biex iffilmja pazjent [redacted] li kien fis-sakra – hemm differenza kbira bejn li jien bhala pazjent kont iffilmjajt abbuz persistenti tal-istaff, ghal dan nurse abbuza ffilmja pazjent meta dan ma kienx f'sensih, imma donnu ghall-istaff il-ligijiet iddawruhom u taqilbuhom ta' taht fuq u kif tridu biex vilment tkomplu tagevolawhom u tiggustifikaw l-abbuzi taghhom. Ukoll dan P[redacted] dalghodu stess biex jumiljani u javvelini quddiem pazjenti ohra qalli "tista' tmur tkompli tirrekordja" meta ma kont qed naghmel xejn minn dan tant kemm hu konxju li ma jista' ghalih hadd u jista jikkalpesta u jirridikola pazjent kemm irid minghajr ma hadd jazzarda jiehu passi kontrih. Jien ma jistghax ikun inkompli nghix f'din il-klima ta' intimidazzjoni sempliciment ghax ippruvajt nikxef l-abbuzi gravissimi tal-istaff fejn jien spiccajt il-vittma ghal darba tnejn u aktar. Fuq il-management tas-sala zid l-abbuz li jonfqu l-flus allokati lis-sala biex jixtru saqqijiet u siggijiet biex jorqdu huma fejn addirittura kamra f'kuritur section B tas-sala li kienet uzata bhala store bl-affarijiet tal-pazjenti ramew kollox li kien fiha u dawruha f'kamra tas-sodda ghalihom waqt li diversi pazjenti tefghuhom ippakjati bhas-sardin 10 b'kollox fil-kamra tat-television minhabba hsarat strutturali li ghanda s-sala.

Inhossni qed nitkellem mal-hajt imma ghidt ha niehu cans iehor. Ovvjament jien bhala l-wiehed li ressaqt l-ilment quddiemek nistenna kopja tar-rapport / konkluzjonijiet li wasaltu ghalihom minn tali nvestigazzjoni.

Nicholas Grech (ID no: [redacted]M, Mob: [redacted])

Virus-free. www.avg.com

[Quoted text hidden]

**Mental Health Commissioner at Health** <mentalhealthcommissioner.health@gov.mt>
To: Nicholas Grech <[redacted]@gmail.com>

Fri, May 18, 2018 at 11:52 AM

Dear Mr Grech

To acknowledge your mail was received.

Regards

Gertrude Buttigieg
Allied Health Practitioner (Speech Language Pathologist)/ Officer
Office Of The Commissioner For Mental Health

**t** +356 25924313 **e** gertrude.a.buttigieg@gov.mt
https://health.gov.mt | www.publicservice.gov.mt

MINISTRY FOR HEALTH

OFFICE OF THE COMMISSIONER MENTAL HEALTH, PJAZZA SAN LUQA,
GWARDAMANGA, PIETA', MALTA

[Quoted text hidden]

[Quoted text hidden]

---

**image001.jpg**
24K